MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 254/2003

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Nazzareno u Mary Grace konjugi Borg bhala debituri principali u s-socjeta' Borcor Limited bhala garanti solidali**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-bank attur fl-10 ta' Marzu, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi l-Bank attur permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela li jgib d-data tal-ghaxra (10) ta' Ottubru, elf disa mija sebgha u disghin (1997) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" ikkonceda lill-konvenuti Nazzareno u Mary Grace konjugi Borg

facilitajiet ta' self u "cheque account" u in forza ta' dawn il-facilitajiet l-imsemmija konvenuti sselfu flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' wiehed u tletin elf sebgha u sebghin liri Maltin, u disgha u tletin centezmi (LM31,077.39) skond zewg "statements" hawn annessi u mmarkati Dok "B" u Dok "C" bl-interessi kkalkolati sat-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi il-konvenuti konjugi Borg ggarantew l-hlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjigom kollha prezenti u futuri, kif ukoll ipoteka specjali fuq id-dar jisimha Grace House, f'Monsinjur A. Buhagiar Street, ir-Rabat, Malta u inoltre s-socjeta konvenuta Borcor Limited ggarantiet b'mod solidali flimkien mal-konvenuti konjugi Borg il-hlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq il-hwejjeg kollha taghha presenti u futuri kif jkoll ipoteka specjali fuq garage numru mija u tlieta (103) f'Pierre Muscat Street, Rabat, Malta liema proprjetajiet huma ahjar deskritti fl-imsemmi kuntratt hawn anness u mmarkat Dok "A";

Illi permezz ta' skrittura privata ta' garanzija li l-original taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok "0" is-socjeta konvenuta Borcor Limited kienet ukoll igarantiet solidalment mal-konvenuti l-hlas lura ta' dan id-debitu sa l-ammont ta' tletin elf mitt liri Maltin (LM30,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk li l-konvenuti ighidu ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Jigu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tletin elf liri Maltin (LM30,000);
2. Jigu l-konvenuti Nazzareno u Mary Grace konjugi Borg kkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur il-biianc ta'

elf sebgha u sebghin liri Maltin disgha u tletin centezmi (LM1077.39) u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-erbgha (4) ta' Frar tas sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-31 ta' Ottubru 2002, u bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Frar 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa flimkien, mad-diretturi tas-socjeta konvenuta, ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Grace Borg, li in forza taghha hija eccepiet :

1. Illi preliminarjament, is-socjeta' attrici ghandha tipprovdi lill-konvenuta b'kopja vera tal-kuntratt originali li juri l-firem, inkluz b'mod partikolari l-firma tal-konvenuta u dan stante li l-istess konvenuta mhiex konxja ta' tali ftehim mas-socjeta' attrici;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma ta' wiehed u tletin elf, sebgha u sebghin Liri Maltin, disgha u tletin (LM 31,077.39) imsemmija fic-citazzjoni odjerna m'ghandhiex taghmel tajjeb ghall-hlas taghha l-konvenuta izda zewgha, ukoll konvenut f'din il-kawza, stante li kien zewgha li kien effettivament gawda minn tali self u li ghamel uzu mill-imsemmija somma, ghal negozju li kien dahal ghalih ma' terzi minghajr ma kellu l-hila u l-kapacita' li jiggestixxih tant li spicca b'telf kbir finanzjarju;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat in-nota tal-konvenuti ipprezentata seduta stante fis-7 ta' Lulju, 2009 li biha ammettew it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw ippruvati.

Rat illi ic-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta Borcor Limited li naqset li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u b'hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontraddetti fil-konfront tas-socjeta konvenuta Borcor Limited, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw ippruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, u fil-kontumacja tas-socjeta konvenuta Borcor Limited, il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u hekk tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' disgha u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€69,881.20) ekwivalenti ghal tletin elf lira Maltin (LM30,000), tikkundanna lill-konvenuti Nazzareno u Mary Grace konjugi Borg sabiex ihallsu lill-bank attur il-bilanc ta' elfejn hames mija u disa' euro u erbgha u sittin centezmu (€2,509.64) ekwivalenti ghal elf sebgha u sebghin liri Maltin disgha u tletin centezmi (LM1077.39) u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-erbgha (4) ta' Frar tas sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------